***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Erbgha 19 ta' Gunju 2019.**

**Rikors Numru: 663/2019/1/LSO**

**Maria Theresa Brincat (ID228650M), Roger Brincat (ID 420567M)**

**vs**

**Grands Leisure Ltd (C68536), George Spiteri u Marvin Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Maria Theresa Brincat etipprezentat fit-22 ta' Mejju 2019 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandha interess li thares il-jeddijiet taghha;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimati milli jinstallaw strutturi, *scaffolding* u armar tal-kostruzzjoni fl-arja tar-rikorrenti. Illi l-imsemmi armar mhux biss jinvadi l-arja tal-proprjeta` tal-rikkorrenti izda jesponi l-proprjeta` kollha ghall-perikolu u hsarat urgenti, illi matul il-kostruzzjoni ta' proprjeta` tal-intimati li ilha ghaddejja oltre sentejn gew sofferti hsarat li qatt ma gew repristinati.

Illi r-rikkorrenti oggezzjonaw ghall-installar ta' apparat u armar fil-proprjeta` taghha tant li dan tnehha mill-kontrollur inkarigat immedjatament.

Illi hija interpellat lill-intimat bonarjament kif jidher Dok A u irceviet risposta Dok B.

Illi ghalkemm sar tentattiv sabiex jintlahaq kompromess fuq il-pendenzi, l-intimat jinstab jaghzel li jiehu l-ligi b' idejh u jarma fl-arja tar-rikorrenti *ragion fattasi* infragrant u bl-isfida ghad-drittijiet tar-rikorrenti u tal-perikolu konsegwenza

ghaliha u b' hsarat eventwali kollha meta kull xoghol jista' facilment jsir mill-proprejta` tal-intimat.

Illi l-esponenti se jigi pregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-4 ta' Gunju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Grands Leisure Ltd. (C68536), George Spiteri (KI 609855) u Marvin Spiteri (KI 576082M), datata 27 ta' Mejju 2019 a fol 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-Tlieta 4 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejjah il-mandat dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr Brincat talab li r-ritratti esebiti mar-rikors ulterjuri tieghu sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-intimati jaghmlu parti mill-provi f'dan ir-rikors. Dr Brincat esebixxa wkoll zewg rapporti tal-Pulizija li gew immarkati bhala Doks MB1 u MB2.

Xehdu bil-gurament taghhom:

1. Maria Theresa Brincat, li prezentat Doks MC1 u MC2;
2. Charmaine Vella Rapa; u
3. George Spiteri

liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Dr Francis Dalli prezenta Dok GL1, Dok MS3 u Dok FD1.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Matthew Brincat u Dr Fransua Dalli, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema elettronika.

Il-mandat gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## III. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET:</u>

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iwaqqfu lill-intimati milli jinstalla strutturi, *scaffolding* u armar tal-kostruzzjoni fl-arja tar-rikorrenti.

L-intimati opponew billi sostnew li l-istruttura li tqeghdet, tqeghdet unikament bhala lqugh u ghal skopijiet ta' Sahha u Sigurta'. Illi gie eccepit, li ma giex ippruvat li r-rikorrenti ser

isofru pregudizzju irrimedjabbli, ghalhekk gie sostnut li t-talba ghal dan il-mandat hija vessatorja

**Rizultanzi fattwali:**

Illi r-rikorrenti Maria Theresa Brincat hija residenti fil-proprjeta` "Brincat House" Triq ir-Rebha Gzira u s-socjeta` intimata qed taghmel xoghlijiet strutturali ta' bini u kostruzzjoni fil-post adjacenti. Jirrizulta li diga sar u twaqqfet struttura ta' *scaffolding* mill-intimati, liema struttura tinsab sporguta fil-proprjeta` tar-rikorrenti, b'mod li jinvadi l-arja tal-proprjeta` tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti pprocedew bit-talba ghall-hrug tal-Mandat biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom u jixtiequ jzommu lill-intimati milli jinstallaw strutturi ta' *scaffolding* fl-arja tar-rikorrenti.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l**-artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex

jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi, hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Jigi dedott, li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech *proprio et nomine* vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).
[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

**Jedd 'Prima facie'**

Illi r-rikorrenti qed jittentaw izommu lill-intimati milli jistallaw strutturi, *scaffolding* u armar tal-kostruzzjoni fl-arja tal-proprjeta` tar-rikorrenti.

In sostenn ghat-talbiet taghhom, ir-rikorrenti esebew zewg rapporti tal-Pulizija Dok MB1 u Dok MB2. Maria Theresa Brincat xehdet li bl-*iscaffolding* li hemm installat hija ma tistax tonxor fil-proprjeta` taghha. Charmaine Vella Rapa, bint ir-rikorrenti xehdet, u kkonfermat li kien hemm diskors bejn il-partijiet li jsir l-*iscaffolding*, fejn hi insistiet b'mod li jaghlaq il-*boundary wall*. Illi hija ziedet tghid, li waqghu xi oggetti fil-bitha taghhom, u ghalhekk hi trid twaqqaf l-istallar ta' l-istruttura fil-parti taghha. Min-naha l-ohra, George Spiteri kkonferma li kien sar diskors mar-rikorrenti dwar l-*iscaffolding*. Hu spjega li minhabba kolonni tal-*concrete* mal-appoggi, kien hemm il-htiega tal-*iscaffolding*. Esebixxa Dok MS3, rapport tal-OHSA, fejn hu mfisser li l-*iscaffolding* sar ghas-sikurezza kemm tal-haddiema u kif ukoll tar-rikorrenti.

Jigi osservat, fl-ewwel lok, li l-istruttura ta' *scoffolding*, tinsab diga' installata u mwaqqfa u din tisporgi fuq l-arja tal-proprjeta' tar-rikorrenti. Inoltre`, kif ikkonfermat Charmaine Vella Rapa dan sar bil-kunsens u b'kompromess bejn il-partijiet. Illi huwa f'dan l-istadju tal-prezentata ta' dan il-mandat, li r-rikorrenti qed jittentaw iwaqqfu l-installar ta' *scoffolding*, li jinsab diga armat kif ukoll armar futur. Ghal dak li jirrigwarda l-armar ezistenti, dan il-mandat certament

ma jistax jirnexxi, izda semmai jista' jirnexxi fil-konfront ta' installazzjonijiet ta' *scaffolding* li ghad iridu jigu installati.

Illi rrizulta li l-intimat irid jibni madwar hdax-il sular 'il fuq u jehtieg li jkompli jaghmel l-armar ghar-ragunijiet ta' sigurta'. Huwa sahaq fuq l-element ta' sigurta' ghall-protezzjoni kemm tal-haddiema tieghu kif ukoll ghall-istess inkolumita' tar-rikorrenti. L-istess intimata ghamlet referenza ghall-artikoli appositi tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Mlata li jimponu obbligu fuq sid li jassigura s-sahha tal-impjegati tieghu u jiehu dawk il-mizuri ragjonevoli u bzonnjusi biex jindirizza r-riskji ingerenti. Inoltre esebixxa rapport dwar is-Sahha u s-Sigurta' (Dok MS3) li jaghmel referenza ghall-*scaffodling* bhala " *the safest ones to implement on a construction site whilst working at a height in order to prevent third parties from any possible falling material as well as to prevent operatives from possible falling heights."* Dan ir-rapport ma giex kontradett mir-rikorrenti.

Illi l-Qorti tapprezza c-cirkostanzi li fihom jinsabu r-rikorrenti izda min-naha l-ohra, huwa evidenti li l-istrutturi li ser jitwaqqfu, aparti li huma sanciti bir-regolamenti ta' sahha u sigurta', huma strutturi temporanji li ser jitnehhew, u ghandhom jitnehhew, malli l-kostruzzjoni titlesta. Kif gie ribadit kostantement, il-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux semplicement biex jissikkaw il-pretiz debitur. Hawnhekk il-kwistjoni kollha pjuttost hija wahda ta' frustrazzjoni kbira u inkonvenjent stravolgenti kkagunati lir-rikorrenti, bhal ma

qed ibaghtu ghexieren ta' residenti li tgabilfor jsibu ruhhom sokkombenti ghall-mewga ta' kostruzzjoni li hakkmet il-pajjiz u li qed tiddisturba t-tgawdija pacifika ta' nies, kwieti go darhom. Ironikament, il-jedd tar-rikorrenti jikkonsisti filli jgieghlu li jitwaqqfu strutturi mehtiega u idoneji ghas-sigurta' taghhom u mhux li jimpedixxu li dawn jigu stallati.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw, almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandhom dritt x'jikkawtelaw fuq ir-ragunijiet dedotti quddiemha .

**Pregiudizzju irrimedjabbli**

Il-Qorti tqis li din it-talba ma tissodisfax l-element ta' irrimedjabilita`, in kwantu jekk ir-rikorrenti qed jilmentaw minn inkonvenjenza, din ma tekwivalix ghan-necessita` tal-mandat. *Di piu`*, mhuwiex ippruvat li jekk ma jinharigx il-mandat, il-jedd tar-rikorrenti jitnehha darba ghal dejjem, kif insenjat fil-kaz **MBR Publications Limited vs Yachting Malta Limited et**, deciza fis-17 ta' Frar 2017, (citat fir-risposta tal-intimati). L-avukat difensur tar-rikorrenti sostna li l-irrimedjabilita` tikkonsisti fil-fatt li r-rikorrenti jistghu ikunu fil-periklu jekk jaqa' xi haga, izda jinsab ikkonfermat, anke mir-rapport dwar is-Sahha u s-Sigurta' esebit minn George Spiteri, li din l-istruttura qeghda hemm proprju ghar-ragunijiet ta' sikurezza tar-rikorrenti. Ghalhekk, dan l-argument ma jregix.

Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li jezistu l-elementi rikjesti bil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub.

## III. DECIDE.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, filwaqt li tirrevoka *contario imperio* d-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba kif dedotta ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati *stante* ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**19 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Gunju 2019**